



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ottubru 2020  
(OR. en)

**11469/20**

**FIN 694**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

---

minn: Is-Sur Johannes HAHN, Membru tal-Kummissjoni Ewropea  
data meta waslet: 5 ta' Ottubru 2020  
lil: Is-Sinjura Bettina HAGEDORN, President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea  
Suġġett: Proposta għat-trasferiment ta' approprazzjonijiet Nru DEC 15/2020 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2020

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument DEC 16/2020 .

---

Mehmuż: DEC 16/2020



BRUSSELL, 02/10/2020

BAĠIT ĠENERALI - 2020

TAQSIMA III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI: 01, 02, 04, 05, 06, 07, 08, 09, 10, 12, 14, 16, 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 26, 29, 32, 33, 34, 40

**TRASFERIMENT TA' APPROPRAZZJONIJIET Nru DEC 16/2020**

---

## INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni, ta' kull sena, wara li teżamina mill-ġdid l-implimentazzjoni reali u l-użu mistenni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament sa tmiem is-sena finanzjarja, tiproponi l-hekk imsejja "Trasferiment Globali" li huwa mfassal sabiex jerġa' jibbilanċja l-appropriazzjonijiet ta' pagament għas-sena baġitarja kurrenti. Sa fejn hu possibbli, in-nuqqas identifikat fl-appropriazzjonijiet jiġi indirizzat permezz ta' trasferimenti awtonomi tal-Kummissjoni fil-kapitoli rilevanti tal-baġit. Il-proposta għat-Trasferiment Globali tirrigwarda r-riāgġustamenti li ma jistgħux jiġi ssodisfati minn trasferimenti awtonomi ta' din ix-xorta.

It-Trasferiment Globali, bħal kull trasferiment ieħor, irid ikun newtru fl-effett baġitarju tiegħu. Il-ħtiġiġiet ta' pagament addizzjonal ta' ċerti programmi u azzjonijiet jistgħu jiġi indirizzati biss dment li jkun hemm riżorsi suffiċjenti minn sors oħra, fejn l-appropriazzjonijiet ikunu mistennija li jkunu sottoutilizzati sa tmiem is-sena.

Din is-sena, dawn ir-riallokazzjonijiet ma jistgħux jissodisfaw il-ħtiġiġiet kollha identifikati fil-previżjonijiet aġġornati tan-nefqa. Għalhekk, iż-żieda ta' EUR 1,5 biljun fl-appropriazzjonijiet ta' pagament se tiġi proposta fl-Abbozz ta' Baġit Emendarju Nru 10, biex jiġi żgurat li l-pretensionijiet pagabbli kollha jitħallsu fl-2020 u li ma jibqa' l-ebda xogħol b'lura anormali għall-2021.

Il-proposta tat-Trasferiment Globali għall-2020 tirrigwarda l-appropriazzjonijiet ta' pagament li jammontaw għal EUR 595,4 miljun, li jikkorrispondu għal **0,39 %** tal-pagamenti totali awtorizzati fil-baġit tal-2020.

Sena tal-Baġit	Valur tat-Trasferiment Globali (miljuni ta' euro)
2016	855,9
2017	682,0
2018	952,7
2019	1 077,6
2020	595,4

B'kollo huma kkonċernati 101 linja baġitarja (36 għar-rinforz u 65 għat-tnaqqis), apparagun ta' 131 linja baġitarja (26 għar-rinforz u 105 għat-tnaqqis) inklużi fit-Trasferiment Globali ppreżentat fi tmiem l-2019.

Ir-rinforz u t-tnaqqis proposti skont l-intestatura u l-programm prinċipali huma kif ġej:

Intestaturi		Trasferiment Globali (euro)		
		Żdied	Naqas	Bidla netta
1.	TKABBIR INTELLIĠENTI U INKLUŻIV	66 379 560	-373 172 121	-306 792 562
1a.	<i>Kompetittivitāt għat-Tkabbir u l-impieggi</i>	66 379 560	-373 025 121	-306 645 562
1b.	<i>Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali</i>	0	-147 000	-147 000
2.	TKABBIR SOSTENIBBLI: RIΖORSI NATURALI	40 500 000	0	40 500 000
3.	SIGURTÀ U ĊITTADINANZA	18 300 000	-77 611 718	-59 311 718
4.	EWROPA GLOBALI	470 007 757	-128 040 847	341 966 911
5.	AMMINISTRAZZJONI	187 000	-900 000	-713 000
	STRUMENTI SPEċJALI	0	-15 649 631	-15 649 631
	<b>Total</b>	<b>595 374 317</b>	<b>-595 374 317</b>	<b>0</b>

L-approprazzjonijiet ta' pagament li tqiegħdu għad-dispożizzjoni taħt xi intestatura ntużaw fl-ewwel lok biex jiġu koperti l-bżonnijiet f'dik l-intestatura stess, u biex jiġu evitati, sa fejn possibbli, penali finanzjarji fuq pagamenti tard. Meta approprazzjonijiet ta' pagament taħt intestatura kienu insuffiċjenti, id-disponibbiltajiet minn intestaturi oħra ntużaw biex ikopru l-ħtiġijiet pendentni.

## 2. Ir-rinforz u t-tnaqqis ta' approprazzjonijiet ta' pagament

Ir-rinforz u t-tnaqqis prinċipali (aktar minn EUR 10 miljun) huma miġburin fil-qosor f'din it-taqSIMA.

### 2.1 Rinforz

It-talba għat-trasferiment tiproponi li jissaħħu 36 linja baġitarja. Il-linji ewlenin affettwati (jiġifieri li għalihom it-tibdil hu ogħla minn EUR 10 miljun) huma preżentati hawn taħt, skont l-intestatura u d-daqs dejem jonqos tar-rinforz:

#### 2.1.1 Intestatura 1a Il-Kompetittivitāt għat-Tkabbir u għall-Impieggi

- + EUR 33,8 miljun għal 06 02 01 05 - Il-ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita iktar l-investiment privat għal proġetti għall-infrastruttura tat-trasport. Il-pagamenti għall-Instrument ta' Dejn tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa kien inizjalment previsti għas-sena 2021. Hekk kif il-proġetti avvanzaw b'pass aktar mgħażżeġ milli mistenni, il-Bank Ewropew tal-Investiment digħi qed jitlob il-pagament finali ta' EUR 40,5 miljun fl-2020.
- + EUR 18,3-il miljun għal 14 02 01 - Appoġġ għall-funzjonament u l-modernizzazzjoni tal-unjoni doganali Kważi 80 % tan-nefqa hija marbuta ma' ċikli twal ta' żvilupp u t-testjar tas-software tad-diversi sistemi tal-IT, li jagħmlu partikolarmen diffiċċi l-previżjonijiet preċiżi tal-approprazzjonijiet ta' pagament. Sa mill-bidu tal-2020, kien hemm żieda sinifikanti fl-għadd u fil-valur tal-fatturi għal din il-linjalba baġitarja. Ir-rinforz propost sejkopri l-ħtiġijiet addizzjonal li jirriżultaw minn dan il-livell ta' implementazzjoni li kien aktar għoli milli mistenni, u huwa ferm-importanti biex il-proġetti tad-Dwana jkunu jistgħu jtitlestew: sa tmiem l-2020 se jiġu kkonsenjati 8 sistemi minn 17-il sistema ġdida tal-IT meħtieġa għall-Kodiċi Doganali tal-Unjoni

## 2.1.2 Intestatura 2 Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali

- + EUR 15-il miljun għal 07 02 01 - Kontribuzzjoni għal ekonomija ekoloġika u aktar effiċjenti fir-riżorsi u għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika u ta' leġiżlazzjoni ambientali tal-Unjoni. Il-Kummissjoni, sabiex twieġeb għall-kriżi tal-COVID-19 u tippermetti aktar likwiditā għall-benefiċjarji tal-programm LIFE tal-UE, iddeċidiet li żżid minn 30 % għal 40 % il-prefinanzjament tas-sejħiet għal proposti tal-programm LIFE kollha tal-2019 u tal-2020.
- + EUR 11-il miljun għal 07 02 02 - It-twaqqif u t-treġġigħ lura tat-telf tal-bijodiversità. Il-kummissjoni, sabiex twieġeb għall-kriżi tal-COVID-19 u tippermetti aktar likwiditā għall-benefiċjarji tal-programm LIFE tal-UE, iddeċidiet li żżid minn 30 % għal 40 % il-prefinanzjament tas-sejħiet għal proposti tal-programm LIFE kollha tal-2019 u tal-2020.

## 2.1.3 Intestatura 4 Ewropa Globali

- + EUR 100 miljun għal 22 02 03 02 - Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u għal allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni. Il-parti li jidfa tal-impenn għall-miżura speċjalisti tal-2016 biex jiġu appoġġati r-refuġjati fit-Turkija għandha titħallas lill-Fond Fiduċjarju Regionali tal-UE b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana (EUTF Madad). Il-ħlas f'waqtu ta' din il-fattura huwa importanti fil-kuntest tal-frontloading tal-operazzjonijiet bħala parti mir-Rispons Globali għall-kriżi tal-COVID-19, kif imħabbar fil-bidu tas-sajf għall-aktivitajiet tal-Fond Fiduċjarju Madad. L-implimentazzjoni tal-pagamenti tal-EUTF Madad fl-2020 kienet ħafna ogħla milli kien mistenni fi żmien meta għie stabbilit I-Abbozz tal-Baġit tal-2020. Għalhekk, qed jintalab ir-rinforz ta' EUR 100 miljun fit-trasferment globali.

Barra minn hekk, hemm bżonn ta' appropriazzjonijiet ta' pagament addizzjonali taħt din il-linjal baġitarja minħabba r-riprogrammazzjoni, iż-żieda fil-pagamenti ta' prefinanzjament u l-mod ta' ġestjoni indirett mal-pajjiż beneficijarju, biex jitħaffu l-pagamenti biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-COVID-19. Dan it-tiġi addizzjonali ta' EUR 90 miljun f'approprazzjonijiet ta' pagament se jintalab fl-Abbozz ta' Baġit Emendorju nru 10.

- + EUR 79 miljun għal 22 04 01 02 - Il-pajjiżi Mediterranji -- Tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli. Sabiex il-pajjiżi sħab jiġu megħejjuna jittrattaw il-konseguenzi ekonomiċi, soċjali u tas-saħħħa tal-kriżi tal-COVID-19, il-Kummissjoni qed timmodifika l-programmi li għaddejjin bħalissa sabiex tħaffef l-implimentazzjoni tagħhom u l-pagamenti relatati. B'mod partikolari, diversi programmi ta' appoġġ baġitarju għall-Marokk, it-Tunezja, il-Ġordan u l-Alġerija ġew miżjud u r-rekwiżiti tagħhom għall-benefiċċju ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju pereżempju ġew miżjud, u l-pagamenti relatati żdied u thaffew.

Għalhekk, huwa meħtieġ rinforz globali ta' EUR 325 miljun f'approprazzjonijiet ta' pagament, li minnhom EUR 25 miljun sejkun koperti permezz ta' trasferment awtonomu tal-Kummissjoni, EUR 79 miljun intalbu fit-trasferment Globali, u EUR 221 miljun se jintalbu fl-Abbozz ta' Baġit Emendorju nru 10.

- + EUR 72 miljun għal 22 04 02 02 - Sħubija tal-Lvant -- Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli. Sabiex il-pajjiżi sħab jiġu megħejjuna jittrattaw il-konseguenzi ekonomiċi, soċjali u tas-saħħħa tal-kriżi tal-COVID-19, il-Kummissjoni qed timmodifika l-programmi li għaddejjin bħalissa sabiex tħaffef l-implimentazzjoni tagħhom u l-pagamenti relatati. B'mod partikolari, diversi programmi ta' appoġġ baġitarju għall-Armenja u l-Georgia ġew miżjud u r-rekwiżiti tagħhom għall-benefiċċju ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u n-negozji (l-Armenja) ġew miżjud, u l-pagamenti relatati żdied u thaffew.

Għaldaqstant, huwa meħtieġ rinforz ta' EUR 137 miljun, li minnhom EUR 72 miljun intalbu fit-trasferment Globali, u EUR 65 miljun se jintalbu fl-Abbozz ta' Baġit Emendorju nru 10.

- + EUR 38 miljun għal 22 04 02 01 - Is-Sħubija tal-Lvant -- Id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-mobilità. Sabiex il-pajjiżi sħab jiġu megħejjuna jittrattaw il-konseguenzi ekonomiċi, soċjali u tas-saħħħa tal-kriżi tal-COVID-19, il-Kummissjoni qed timmodifika l-programmi li għaddejjin bħalissa sabiex tħaffef l-implimentazzjoni tagħhom u l-pagamenti relatati. B'mod partikolari, diversi programmi ta' appoġġ baġitarju għall-Armenja ġew miżjud u r-rekwiżiti tagħhom għall-benefiċċju ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u n-negozji (l-Armenja) ġew miżjud, u l-pagamenti relatati żdied u thaffew.

- + EUR 37 miljun għal 22 04 01 01 - Il-pajjiżi Mediterranean -- Id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-mobilità. Sabiex il-pajjiżi sħab jiġu meħħjuna jittrattaw il-konseguenzi ekonomiċi, soċjali u tas-saħħha tal-kriżi tal-COVID-19, il-Kummissjoni qed timmodifika l-programmi li għaddejjin bħalissa sabiex tħaffef l-implementazzjoni tagħhom u l-pagamenti relatati. B'mod partikolari, ir-rekwiżiti għall-iżborż ta' porzjonijiet ta' appoġġ baġitarju ta' programm għall-Marokk ġew modifikati. Għalhekk, huwa meħtieġ rinforż ta' EUR 52 miljun f'approrjazzjonijiet ta' pagament, li minnhom EUR 15-il miljun se jkunu koperti permezz ta' trasferiment awtonomu tal-Kummissjoni, u EUR 37 miljun se jintalbu fit-trasferiment Globali.
- + EUR 35 miljun għal 19 02 01 - Rispons għall-kriżi u l-kriżiżiet emerġenti. L-implementazzjoni tal-Instrument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi miexja 'l quddiem b'mod aktar mgħaqgħel milli kien stmat qabel. Abbażi tal-previżjoni riveduta, ir-rinforż propost huwa meħtieġ biex jitkomplew it-talbiet għall-ispejjeż u l-ewwel prefinanzjamenti dovuti fl-2020.
- + EUR 35 miljun għal 21 02 02 - Kooperazzjoni mal-Asja. In-nuqqas kumplessiv ta' apprōrjazzjonijiet ta' pagament f'din il-linjal baġitarja huwa stmat għal EUR 126,5 miljun. Hija prinċipalment marbuta mal-ħtieġa li jiġu antiċipati l-iżborżamenti tal-appoġġ baġitarju, normalment ippjanati għall-2021, sabiex ikun hemm rispons immedjat għall-pandemja tal-COVID-19. Il-pajjiżi affettwati huma n-Nepal, il-Myanmar u l-Kambodja.

Parti mill-ħtiġiġiet (EUR 41,5 miljun) se tkun koperta permezz ta' trasferiment awtonomu tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, intalab l-ammont ta' EUR 35 miljun permezz tat-Trasferiment Globali, u se jintalab ir-rinforż ta' EUR 50 miljun fl-Abbozz tal-Baġit Emendorju nru 10 biex jitkoprew l-aktar pagamenti urġenti meħtieġa qabel tmiem l-2020.

- + EUR 24 miljun għal 22 04 03 01 - Kooperazzjoni transfruntiera (CBC) -- Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4 Meta kienet qed tħejji l-baġit, il-Kummissjoni għamlet stima prudenti tal-ħtiġiġiet għal apprōrjazzjonijiet ta' pagament f'din il-linjal baġitarja, fid-dawl tal-implementazzjoni tas-snin preċedenti u tal-esperjenza marbuta mal-preċiżjoni tal-previżjoniżiet tal-Istati Membri. Madankollu, l-implementazzjoni tal-proġetti qabdet ir-ritmu fl-2020 u l-Awtoritatiet ta' Ġestjoni tal-baġit l-ammont sħiħ tal-prefinanzjament dovut fl-2020.
- + EUR 20 miljun għal 21 02 04 - Kooperazzjoni mal-Lvant Nofsani. In-nuqqas ta' apprōrjazzjonijiet ta' pagament f'din il-linjal baġitarja huwa prinċipalment marbuta mal-ħtieġa li jiġu antiċipati l-iżborżamenti tal-appoġġ baġitarju, normalment ippjanati għas-snin ta' wara, sabiex ikun hemm rispons immedjat għall-pandemja tal-COVID-19 fil-Jemen. Ir-rinforż huwa mitlub biex ikopri l-aktar pagamenti urġenti meħtieġa qabel tmiem l-2020.

## 2.2 Tnaqqis

It-talba għat-trasferiment tiproponi li jitnaqqas il-livell tal-apprōrjazzjonijiet ta' pagament għal **65 linjal baġitarja**. Il-linji ewleni affettwati (jiġifieri li għalihom il-bidliet huma aktar minn EUR 10 miljun), huma preżentati hawn taħt, skont l-intestatura u d-daqs dejjem jonqos tat-tnaqqis:

### 2.2.1 Intestatura 1a Il-kompetittività għat-tkabbir u l-impiegħi

- - EUR 52 miljun għal 32 04 03 01 - It-tranżizzjoni għal sistema enerġetika affidabbli, sostenibbli u kompetittiva. Minħabba l-kriżi tal-COVID-19, il-progress ta' diversi proġetti dam aktar milli mistenni u dan wassal għal posponiment fit-talbiet għall-pagamenti interim. Barra minn hekk, l-iffirmar tal-ftehimiet ta' għotja ddewwem ukoll, u dan wassal għal posponiment fit-talbiet għall-prefinanzjament.
- - EUR 50,2 miljun għal 08 02 01 01 - Tishħiħ tar-riċerka esploratorja fil-Kunsill Ewropew tar-Riċerka Id-detenturi tal-ġhotjet tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka fil-biċċa l-kbira huma monobenefiċjarji. Għalhekk, il-kwistjonijiet iffaċċjati mill-benefiċjarji minħabba l-kriżi tal-COVID-19 (id-dewmien fl-implementazzjoni tal-proġett) ma setgħux jiġu kkumpensati minn beneficijarji oħra li kienu inqas affettwati mill-kriżi, kif jista' jkun il-każ għall-ġhotjet b'diversi beneficijarji f'linjal baġitarji oħra.

- EUR 31,6 miljun għal 08 03 01 01 - Euratom -- Enerġija mill-fużjoni. Is-surplus huwa dovut għal dewmien fl-implementazzjoni tal-kuntratt għall-operat tal-faċilitajiet tal-Joint European Torus (JET) mill-Awtorità tal-Enerġija Atomika tar-Renju Unit. Billi l-istadji importanti previsti fil-kuntratt ma ntlaħqu fl-2019, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li tissospendi l-implementazzjoni tal-kuntratt, skont id-dispożizzjoni tal-kuntratt. Is-sospensjoni bdiet tapplika mill-1/01/2020 'il-quddiem, u issa huwa mistenni li l-kuntratt jkompli fl-1 ta' Ottubru 2020. L-emenda fil-kuntratt li tneħħi s-sospensjoni tinkludi estensjoni fit-tul ta' żmien kif ukoll bidliet operattivi.
- EUR 27 miljun għal 32 02 52 - It-tlestja ta' proġetti tal-enerġija biex jiġi megħejun l-irkupru ekonomiku. Minħabba l-kriżi tal-COVID-19, il-progress fl-implementazzjoni tal-aħħar proġetti huwa aktar kajman milli mistenni, u b'hekk is-sottomissjoni ta' talbiet għall-pagament qed iddum.
- EUR 26,8 miljun għal 08 02 03 01 - Titjib fis-saħħha u l-benesseri tul il-ħajja. Is-surplus huwa dovut għal talba għall-pagament aktar baxxa milli mistenni mis-Sħubja għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw (EDCTP), sħubja pubblika-privata appoġġata permezz ta' Orizzont 2020 biex tiġi żviluppata l-kapaċċità tar-riċerka klinika fl-Afrika sub-Saħarjana. Kien hemm dewmien fit-tħejja u l-implementazzjoni tal-għotjet, princiċialment minħabba l-pandemja tal-COVID-19 (pereżempju dewmien fil-wasla tad-dokumenti meħtieġa).
- EUR 23,6 miljun għal 32 03 04 02 - Il-programm Bohunice. Kienet antiċipata l-implementazzjoni mħaffa tal-programmi ta' dekummissjonar, madankollu minħabba l-kriżi tal-COVID-19 din ma seħħitx. Dan affettwa t-twassil fiżiku ta' materjal u l-preżenza ta' esperti barranin fuq il-post. Dan dewwem ukoll il-prefinanzjamenti mħallsa mill-Euratom fir-rigward ta' proċeduri ta' akkwist li ġew estiżi, li damu jew ġew sospiżi biex itaffu r-restrizzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi u tal-awtoritajiet nazzjonali.
- EUR 22,7 miljun għal 02 04 02 01 - Rwl ta' tmexxija fl-ispazju. L-implementazzjoni tal-akkwisti għall-kuntratti ta' Orizzont 2020 kienet aktar kajmana milli mistenni. Ħafna akkwisti importanti kellhom jiġu posposti minħabba l-Brexit fid-dawl tal-evalwazzjoni dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit f'kuntratti sensitivi relatati mas-sigurtà.
- EUR 20,7 miljun għal 02 07 01 - Programm Ewropew għall-İżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP). Wara dewmien fit-tlep̄i tal-valutazzjoni tal-pilastri tal-“Organisation Conjointe de Coopération en matière d'Armement” (OCCAr), il-parti l-kbira tal-pagamenti trid tiġi posposta sakemm l-OCCAr tiġi vvalutata li hija komplettament konformi mal-pilastru (2021).

Parti mill-posponiment ġie kkumpensat minn prefinanzjament ieħor għas-sejħiet kompetitivi għal proposti sabiex tiġi appoġġata l-industrija tad-difiża fil-kuntest ekonomiku attwali. F'din is-sitwazzjoni, il-pagamenti totali għall-2020 jenħtieġ li jkunu limitati għal EUR 179 miljun u s-surplus jista' jkun disponibbli.

- EUR 20 miljun għal 08 03 01 02 - Euratom -- Fissjoni nukleari u ħarsien mir-radjazzjoni. Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), bħala entità fdata mill-implementazzjoni tal-strument finanzjarju InnovFin, irrapporta li l-ebda waħda mill-operazzjonijiet relatati mal-qasam InnovFin iddedikat għall-Euratom ma hija se tkun matura bieżżejjed biex tiġi approvata mill-Bord tad-Diretturi tal-BEI sa Diċembru 2020. Għalhekk, l-appropjazzjonijiet li jikkorrispondu għall-qasam InnovFin iddedikat għall-Euratom mhux se jiġu implementati din is-sena u jistgħu jkunu disponibbli.
- EUR 18,5-il miljun għal 32 02 01 01 - Aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u tal-interoperabbiltà bejn in-networks tal-elettriku u tal-gass bejn il-fruntieri. Il-fergħa tal-enerġija tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa żidiedet kemm fl-impenji kif ukoll fil-pagamenti matul il-proċedura ta' konċiljazzjoni tal-baġit tal-2020. L-appropjazzjonijiet ta' impenn intużaw fl-2020 peress li s-sejħiet għal proposti tnedew matul is-sena. Madankollu, l-ewwel prefinanzjamenti relatati se jseħħu biss fl-2021.
- EUR 16,9-il miljun għal 32 03 04 01 - Il-programm Kozloduy. Kien antiċipat li l-implementazzjoni tal-programmi ta' dekummissjonar titħaffef, madankollu minħabba l-kriżi tal-COVID-19 dan ma seħħix. Dan affettwa t-twassil fiżiku ta' materjal u l-preżenza ta' esperti barranin fuq il-post. Dan dewwem ukoll il-prefinanzjamenti mħallsa mill-Euratom fir-rigward ta' proċeduri ta' akkwist li ġew estiżi, li damu jew ġew sospiżi biex itaffu r-restrizzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi u tal-awtoritajiet nazzjonali.
- EUR 13,8-il miljun għal 32 03 03 - Programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari fil-Litwanja. Kien antiċipat li l-implementazzjoni tal-programmi ta' dekummissjonar titħaffef, madankollu minħabba l-kriżi tal-COVID-19 dan ma seħħix. Dan affettwa t-twassil fiżiku ta' materjal u l-preżenza ta' esperti barranin fuq il-post. Dan dewwem ukoll il-prefinanzjamenti mħallsa mill-Euratom fir-rigward ta' proċeduri ta' akkwist li ġew estiżi, li damu jew ġew sospiżi biex itaffu r-restrizzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi u tal-awtoritajiet nazzjonali.

- - EUR 10,4 miljun għal 05 09 03 01 - L-iżgurar ta' provvisti suffiċjenti ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja u ta' bijoprodotti oħra. Is-surplus jirriżulta mill-posponiment tal-iskadenzi tal-pagamenti u l-pagamenti finali wara t-talbiet tal-benefiċjarji biex jestendu t-tul ta' żmien tal-proġetti minħabba t-tifqigħha tal-COVID-19.

## 2.2.2 *Intestatura 3 Sigurtà u Ċittadinanza*

- - EUR 60 miljun għal 23 03 01 01 - Prevenzjoni tad-diżzastru u t-tħejjija għalihom fl-Unjoni. Il-previżjoni tal-pagamenti tnaqqset għar-raġunijiet li ġejjin:
  - L-Istati Membri talbu livell aktar baxx ta' prefinanzjament fuq il-kuntratti relatati mal-ħażin;
  - Dewmien fix-xiri ta' żewġ Canadairs, li rriżulta fil-posponiment għal 2021 tal-prefinanzjament inizjalment previst għall-2020;
  - Dewmien fl-implementazzjoni ta' xi kuntratti ta' għotjet, li rriżulta fil-posponiment tal-pagamenti interim u finali għall-2021;
  - L-iffirmar u l-prefinanzjament tal-kuntratt tas-servizzi ta' evakwazzjoni medika (Medevac) mal-Ġermanja ġie pospost għall-2021;
  - Xi pagamenti finali relatati mal-kuntratti 2016–2017 ma tħallsux (jew tħallsu parzjalment) wara analiżi tar-rapport finali.

## 2.2.3 *Intestatura 4 Ewropa Globali*

- - EUR 50 miljun għal 05 05 04 02 - Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u għall-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni. Is-surplus huwa dovut għal previżjoni ta' pagament imnaqqsa għat-tielet trimestru tal-2020, u għad-disponibbiltà tad-dħul assenjat (li ma kienx magħruf meta ġie stabbilit il-baġit tal-2020).
- - EUR 28,5 miljun għal 19 04 01 - Titjib tal-affidabilità tal-proċessi elettorali, b'mod partikolari permezz tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali. Peress li l-azzjonijiet marbuta mal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali (MOE) iseħħu prinċipalment fil-pajjiżi fejn iseħħu l-elezzjonijiet, din il-linja baġitarja kienet ferm affettwata mill-konsegwenzi tal-pandemja tal-COVID-19. Ħafna missjonijiet ġew ikkanċellati, posposti u mibdula.
- - EUR 15-il miljun għal 05 05 03 02 - Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u għall-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni. Is-surplus huwa dovut għal previżjoni ta' pagament imnaqqsa għat-tielet trimestru tal-2020, u għad-disponibbiltà tad-dħul assenjat (li ma kienx magħruf meta ġie stabbilit il-baġit tal-2020).
- - EUR 12-il miljun għal 21 06 01 - Il-promozzjoni ta' livell għoli għas-sikurezza nukleari, għall-ħarsien mir-radjazzjoni u l-applikazzjoni ta' salvagwardji effiċjenti u effikaċi relatati ma' materjal nukleari f'pajjiżi terzi. L-azzjonijiet relatati mal-Instrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (INSC) intlaqtu ħażin mill-kriżi tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa. In-natura tal-operazzjonijiet tal-INSC (iż-żjarat fuq il-post, it-taħbi, il-personal, il-provvista ta' tagħmir, valutazzjonijiet tas-sikurezza, eċċ.) tfisser li l-implementazzjoni tal-maġġoranza tal-proġetti naqset b'mod sinifikanti.
- - EUR 11,3-il miljun għal 01 03 02 - Assistenza makrofinanzjarja. It-tielet parti tal-iżborż mistenni tal-assistenza Makrofinanzjarja għall-Moldova ġie kkanċellat b'mod definitiv, mingħajr l-ebda possibbiltà ta' posponiment. Għalhekk, il-pagamenti għall-għotjet se jammontaw biss għal EUR 15,7-il miljun fl-2020 u s-surplus jista' jkun disponibbli.

### **3. Trasferimenti proposti**

It-trasferimenti kollha proposti, kemm għal żieda kif ukoll għal tnaqqis fl-approprjazzjonijiet, huma mqassra fit-tabelli fl-ordni tan-nomenklatura tal-baġit. It-tabella tindika:

- I-approprjazzjonijiet inizjali tal-baġit, inklużi I-baġits emendantorji mit-23 ta' Settembru 2020;
- it-trasferimenti mit-23 ta' Settembru 2020;
- I-implementazzjoni mit-23 ta' Settembru 2020;
- it-total tal-approprjazzjonijiet li għadhom disponibbli;
- it-trasferiment propost (iż-żieda jew it-taqqis);
- il-bidla perċentwali, imqabbla mal-baġit inizjali (inkluż kull baġit emendantorju);
- il-bilanċ fil-linja wara t-trasferiment propost.

Għat-taqqis jew għar-rinforz tal-approprjazzjonijiet awtorizzati fil-linjal baġitarja, il-ġustifikazzjonijiet iddettaljati huma pprovduti hawnhekk.

BAĠIT ĠENERALI - 2020

TAQSIMA III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI: 01, 02, 04, 05, 06, 07, 08, 09, 10, 12, 14, 16, 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 26, 29, 32, 33, 34, 40

TRASFERIMENT TA' APPROPRAZZJONIJIET Nru DEC 16/2020

**MINN**

**KAPITOLU** - 0103 Affarijet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali

ARTIKOLU - 01 03 02 Assistenza makrofinanzjarja	Pagamenti	-11 303 530,00
---	-----------	----------------

**KAPITOLU** - 0104 Operazzjonijiet u strumenti finanzjarji

ARTIKOLU - 01 04 06 Iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (EIAH) u I-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment (PEPI)	Pagamenti	-2 460 000,00
---	-----------	---------------

**KAPITOLU** - 0204 Orizzont 2020 -- Riċerka marbuta mal-intrapriżi

PARTITA - 02 04 02 01 Rwl ta' tmexxija fl-ispazju	Pagamenti	-22 697 882,82
---	-----------	----------------

PARTITA - 02 04 77 06 Proġett pilota -- Ġestjoni tat-traffiku spazjali	Pagamenti	-140 000,00
--	-----------	-------------

PARTITA - 02 04 77 07 Azzjoni preparatoria -- Thiejjija tal-programm il-ġidid GOVSATCOM tal-UE	Pagamenti	-3 155 994,67
--	-----------	---------------

PARTITA - 02 04 77 08 Proġett pilota -- Reżiljenza tal-avjazzjoni għall-interferenzi u t-theddid ċibernetiku fil-konfront tal-GNSS	Pagamenti	-375 000,00
--	-----------	-------------

**KAPITOLU** - 0207 Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP)

ARTIKOLU - 02 07 01 Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP)	Pagamenti	-20 725 232,72
--	-----------	----------------

**KAPITOLU** - 0404 Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)

ARTIKOLU - 04 04 01 FEG -- biex jiġu appoġġati l-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet b'rīzultat tal-globalizzazzjoni	Pagamenti	-9 655 000,00
--	-----------	---------------

**KAPITOLU** - 0505 Strument għall-Assistenza ta' Qabel I-Adeżjoni - Agrikoltura u żvilupp rurali

PARTITA - 05 05 03 02 Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatati mal-acquis tal-Unjoni	Pagamenti	-15 000 000,00
--	-----------	----------------

PARTITA - 05 05 04 02 Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatati mal-acquis tal-Unjoni	Pagamenti	-50 000 000,00
--	-----------	----------------

**KAPITOLU** - 0506 Aspetti internazzjonali tal-qasam ta' politika "Agrikoltura u żvilupp rurali"

ARTIKOLU - 05 06 01 Ftahimiet agrikoli internazzjonali	Pagamenti	-1 555 889,54
--	-----------	---------------

**KAPITOLU** - 0509 Orizzont 2020 -- Riċerka u innovazzjoni relatati mal-agrikoltura

PARTITA - 05 09 03 01 Żgurar ta' provvisti suffiċċenti ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja u ta' bijoprodotti oħra Pagamenti -10 436 252,27

**KAPITOLU** - 0602 Politika Ewropea tat-transport

PARTITA - 06 02 03 01 Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima Pagamenti -985 300,00

PARTITA - 06 02 03 02 Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima -- Miżuri kontra t-tnejggs Pagamenti -616 788,00

**KAPITOLU** - 0702 Politika ambjentali fl-livell tal-UE u internazzjonali

ARTIKOLU - 07 02 04 Kontribuzzjoni għal ftehimiet ambjentali multilaterali u internazzjonali Pagamenti -209 475,33

**KAPITOLU** - 0802 Orizzont 2020 -- Riċerka

PARTITA - 08 02 01 01 Tisħiħi tar-riċerka esploratorja fil-Kunsill Ewropew tar-Riċerka Pagamenti -50 224 452,27

PARTITA - 08 02 03 01 Titjib fis-saħħha u l-benesseri tul il-ħajja Pagamenti -26 849 871,00

**KAPITOLU** - 0803 Programm tal-Euratom -- Azzjonijiet indiretti

PARTITA - 08 03 01 01 Euratom -- Enerġija mill-fużjoni Pagamenti -31 575 624,00

PARTITA - 08 03 01 02 Euratom -- Fissjoni nukleari u ħarsien mir-radjazzjoni Pagamenti -20 000 000,00

**KAPITOLU** - 0805 Programm ta' riċerka tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar

PARTITA - 08 05 77 01 Proġett pilota -- Riċerka għat-tnaqqis tal-emissionijiet tas-CO<sub>2</sub> fil-produzzjoni tal-azzar Pagamenti -499 064,00

**KAPITOLU** - 0902 Suq uniku digiṭali

PARTITA - 09 02 77 12 Proġett pilota -- Konkors ta' programmar fil-livell tal-UE Pagamenti -235 579,59

PARTITA - 09 02 77 13 Proġett pilota -- Għotjet tal-UE għall-midja online fuq skala żgħira: appoġġ għall-prodotti tal-aħbarijiet ta' kwalità għolja u ġlied kontra l-aħbarijiet foloz Pagamenti -550 000,00

PARTITA - 09 02 77 14 Proġett pilota -- Integrità tal-midja soċjali Pagamenti -225 000,00

PARTITA - 09 02 77 15 Proġett pilota -- Mobilità urbana intelliġenti li tinvolvi vetturi awtonomi Pagamenti -250 000,00

PARTITA - 09 02 77 16 Proġett Pilota -- Għoddha għall-monitoraġġ tas-sjieda tal-midja Pagamenti -250 000,00

PARTITA - 09 02 77 17 Azzjoni preparatoria -- Kunsilli tal-midja fl-era digiṭali Pagamenti -125 000,00

**KAPITOLU - 0905 Ewropa Kreattiva**

PARTITA - 09 05 77 08 Azzjoni preparatorja -- Is-swali taċ-ċinema bħala ċentri ta' innovazzjoni għall-komunitajiet lokali Pagamenti -1 663,89

PARTITA - 09 05 77 10 Proġett pilota -- Appoġġ għall-ġurnaliżmu investigattiv u għal-libertà tal-midja fl-UE Pagamenti -335 054,30

**KAPITOLU - 1002 Orizzont 2020 -- Azzjonijiet diretti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) b'appoġġ għall-politiki tal-Unjoni**

PARTITA - 10 02 77 03 Proġett pilota -- Implementazzjoni tal-metodoloġija ta' riċerka "Qafas Multidimensjonal dwar l-Inugwaljanzi" għall-Unjoni Ewropea Pagamenti -365 580,00

PARTITA - 10 02 77 04 Proġett pilota -- Tekniki integrati għat-tiġi siżmiku u għall-effċjenza enerġetika ta' bini eżistenti Pagamenti -147 000,00

**KAPITOLU - 1003 Programm tal-Euratom -- Azzjonijiet diretti**

ARTIKOLU - 10 03 01 Attivitajiet tal-Euratom ta' riċerka diretta Pagamenti -2 000 000,00

**KAPITOLU - 1005 Responsabbilitjet storiċi li jirriżultaw minn attivitajiet nukleari mwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka skont it-Trattat tal-Euratom**

ARTIKOLU - 10 05 01 Dekummissjonar tal-faċilitajiet nukleari obsoleti ta' Euratom u d-disponiment finali tal-iskart Pagamenti -3 900 000,00

**KAPITOLU - 1402 Dwana**

ARTIKOLU - 14 02 02 Sħubija ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tad-dwana Pagamenti -13 055,97

**KAPITOLU - 1603 Azzjonijiet ta' Komunikazzjoni**

PARTITA - 16 03 01 02 Informazzjoni għall-midja u l-produzzjonijiet awdjobiżvi Pagamenti -1 500 000,00

PARTITA - 16 03 01 03 Uffiċċċi tal-informazzjoni Pagamenti -1 000 000,00

PARTITA - 16 03 01 04 Komunikazzjoni tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni, Djalogi taċ-Ċittadini u Azzjonijiet ta' "Sħubija" Pagamenti -7 500 000,00

PARTITA - 16 03 02 02 Tħaddim ta' studios tar-radju u tat-televiżjoni u tagħmir awdjobiżiv Pagamenti -900 000,00

PARTITA - 16 03 02 03 Għodod ta' informazzjoni u komunikazzjoni online u bil-miktub Pagamenti -1 000 000,00

PARTITA - 16 03 02 05 Analiżi tal-opinjoni pubblika Pagamenti -2 100 000,00

**KAPITOLU - 1804 Trawwim taċ-ċittadinanza Ewropea**

PARTITA - 18 04 01 01 L-Ewropa għaċ-Ċittadini -- Tiġi tħalli kommemorazzjoni u tit-titħeb tal-kapaċċità għall-partċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni Pagamenti -4 175 000,00

**KAPITOLU - 1904 Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali (EU EOMs)**

ARTIKOLU - 19 04 01 Titjib tal-affidabilità tal-proċessi elettorali, b'mod partikolari permezz tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali

Pagamenti

-28 500 000,00

**KAPITOLU - 2002 Politika tal-kummerċ**

ARTIKOLU - 20 02 01 Relazzjonijiet kummerċjali esterni, inkluż l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi

Pagamenti

-500 000,00

PARTITA - 20 02 77 02 Proġeġġ pilota -- In-Nisa u I-Kummerċ: noħolqu kapitolu mudell dwar il-ġeneru fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles abbażi ta' *data* dwar in-nisa li jipparteċipaw fil-kummerċ u n-nisa li jipparteċipaw fl-ekonomija domestika

Pagamenti

-111 963,07

**KAPITOLU - 2106 Strument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari**

ARTIKOLU - 21 06 01 Promozzjoni ta' livell għoli għas-sikurezza nukleari, għall-ħarsien mir-radjazzjoni u I-applikazzjoni ta' salvagwardji effiċċenti u effikaċi relatati ma' material nukleari f'pajjiżi terzi

Pagamenti

-12 000 000,00

**KAPITOLU - 2108 Żvilupp u kooperazzjoni madwar id-dinja**

ARTIKOLU - 21 08 01 Evalwazzjoni tar-riżultati ta' għajjnuna tal-Unjoni u miżuri ta' segwit u ta' awditjar

Pagamenti

-6 545 425,00

PARTITA - 21 08 02 Koordinazzjoni u promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni rigward kwistjonijiet ta' żvilupp u dwar il-politiki tat-tkabbir u tal-viċinat

Pagamenti

-1 174 202,00

**KAPITOLU - 2109 Tlestija ta' azzjonijiet implimentati fl-ambitu tal-Programm "Strument għall-Pajjiżi Industrijalizzati" (ICI+)**

PARTITA - 21 09 51 01 L-Asja

Pagamenti

-200 000,00

PARTITA - 21 09 51 02 L-Amerika Latina

Pagamenti

-900 000,00

**KAPITOLU - 2303 Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili**

PARTITA - 23 03 01 01 Prevenzjoni tad-diżzastru u t-tħejjija għalihom fl-Unjoni

Pagamenti

-60 000 000,00

PARTITA - 23 03 77 04 Azzjoni preparatorja -- Network ta' ċentri Ewropej għall-protezzjoni ċivili u l-ġestjoni tal-kriżijiet

Pagamenti

-17 750,00

**KAPITOLU - 2402 Promozzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (Hercule III)**

ARTIKOLU - 24 02 01 Prevenzjoni u ġiebla kontra l-frodi, l-korruzzjoni u kull attività illegali oħra kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Pagamenti

-1 000 000,00

**KAPITOLU - 2602 Produzzjoni multimedjali**

ARTIKOLU - 26 02 01 Proċeduri għall-aġġudikazzjoni u r-rikłamar ta' kuntratti pubbliċi ta' provvista, xogħilijiet u servizzi

Pagamenti

-250 000,00

**KAPITOLU - 2902 Programm Ewropew tal-Istatistika**

ARTIKOLU - 29 02 01 Għot iż-informazzjoni statistika ta' kwalità, l-implementazzjoni ta' metodi ġodda ta' produzzjoni tal-i-statistika Ewropea u t-tiċċiħ tas-shubja fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika

Pagamenti

-5 985 000,00

**KAPITOLU - 3202 Enerġija konvenzjonali u rinovali**

PARTITA - 32 02 01 01 Aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u tal-interoperabbiltà bejn in-networks tal-elettriku u tal-gass bejn il-fruntieri	Pagamenti	-18 500 000,00
PARTITA - 32 02 01 02 Titjib tas-sigurtà tal-Unjoni fil-provvista tal-enerġija	Pagamenti	-5 800 000,00
PARTITA - 32 02 01 03 Kontribuzzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u l-protezzjoni tal-ambjent	Pagamenti	-5 800 000,00
ARTIKOLU - 32 02 52 Tlestija ta' proġetti tal-enerġija li jgħinu l-irkupru ekonomiku	Pagamenti	-27 000 000,00

**KAPITOLU - 3203 Enerġja nukleari**

ARTIKOLU - 32 03 01 Salvagwardji nukleari	Pagamenti	-3 000 000,00
ARTIKOLU - 32 03 03 Programm ta' assistenza tad-dekummissjonar nukleari fil-Litwanja	Pagamenti	-13 780 000,00
PARTITA - 32 03 04 01 Il-programm Kozloduy	Pagamenti	-16 940 000,00
PARTITA - 32 03 04 02 Il-programm Bohunice	Pagamenti	-23 640 000,00

**KAPITOLU - 3204 Orizzont 2020 -- Riċerka u innovazzjoni fir-rigward tal-enerġija**

PARTITA - 32 04 03 01 It-tranżizzjoni għal sistema enerġetika affidabbi, sostenibbli u kompetitiva	Pagamenti	-52 000 000,00
--	-----------	----------------

**KAPITOLU - 3303 Ġustizzja**

PARTITA - 33 03 77 08 Azzjoni preparatoria -- Tisħiħi tal-kapaċitajiet, żvilupp programmatiku u komunikazzjoni fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u r-reati finanzjarji	Pagamenti	-687 500,00
---	-----------	-------------

**KAPITOLU - 3402 Azzjoni klimatika fil-livell tal-UE u internazzjonali**

ARTIKOLU - 34 02 04 Kontribuzzjoni għal ftehimiet klimatiċi multilaterali u internazzjonali	Pagamenti	-9 555,64
---	-----------	-----------

**KAPITOLU - 4002 Riżervi għall-interventi finanzjarji**

ARTIKOLU - 40 02 41 Appropriazzjonijiet differenzjati	Pagamenti	-5 994 631,00
---	-----------	---------------

**SA****KAPITOLU - 0602 Politika Ewropea tat-transport**

PARTITA - 06 02 01 03 Ottimizzar tal-integrazzjoni u l-interkonnessjoni tal-modi tat-transport u titjib tal-interoperabilità	Pagamenti	1 000 000,00
PARTITA - 06 02 01 05 Hölqjen ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-transport	Pagamenti	33 836 863,00

**KAPITOLU** - 0603 Orizzont 2020 -- Riċerka u innovazzjoni relatati mat-trasport

PARTITA - 06 03 03 01 Il-kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċċenti fir-riżorsi, sikura, bla ntoppi u li tiffavorixxi l-ambjent Pagamenti 2 720 000,00

**KAPITOLU** - 0702 Politika ambjentali fl-livell tal-UE u internazzjonali

ARTIKOLU - 07 02 01 Kontribuzzjoni għal ekonomija ekoloġika u aktar effiċċienti fir-riżorsi u għall-iżvilupp u l-implementazzjoni ta' politika u ta' leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni Pagamenti 15 000 000,00

ARTIKOLU - 07 02 02 It-twaqqif u t-treġġigħ lura tat-telf fil-bijodiversità. Pagamenti 11 000 000,00

**KAPITOLU** - 1202 Servizzi finanzjarji u swieq kapitali

ARTIKOLU - 12 02 01 Implementazzjoni u żvilupp tas-suq uniku għas-servizzi finanzjarji Pagamenti 98 420,00

**KAPITOLU** - 1402 Dwana

ARTIKOLU - 14 02 01 Appoġġ għall-funzjonament u l-modernizzazzjoni tal-unjoni doganali Pagamenti 18 298 094,00

**KAPITOLU** - 1403 Tassazzjoni

ARTIKOLU - 14 03 01 Titjib tal-funzjonament tajjeb tas-sistemi tat-tassazzjoni Pagamenti 3 513 095,14

**KAPITOLU** - 1404 Strateġja ta' politika u koordinazzjoni

ARTIKOLU - 14 04 01 Implementazzjoni u żvilupp tas-suq intern Pagamenti 484 514,63

**KAPITOLU** - 1902 Strument li jikkontribwixxi għall-Istabbilità u l-Paċi (IcSP) - Rispons għal kriżijiet, preventzjoni ta' kunflitti, bini tal-paċi u t-tħejjija għall-kriżijiet

ARTIKOLU - 19 02 01 Rispons għal kriżi u kriżijiet emerġenti Pagamenti 35 000 000,00

**KAPITOLU** - 1905 Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-ambitu tal-Instrument ta' Sħubija (PI)

ARTIKOLU - 19 05 01 Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-avvanz u l-promozzjoni ta' interassi reċiproċi u tal-Unjoni Pagamenti 3 000 000,00

**KAPITOLU** - 2102 Strument tal-Kooperazzjoni għall-İżvilupp (DCI)

ARTIKOLU - 21 02 01 Kooperazzjoni mal-Amerika Latina Pagamenti 5 000 000,00

ARTIKOLU - 21 02 02 Kooperazzjoni mal-Asja

Pagamenti 35 000 000,00

ARTIKOLU - 21 02 03 Kooperazzjoni mal-Asja Ċentrali

Pagamenti 6 000 000,00

ARTIKOLU - 21 02 04 Kooperazzjoni mal-Lvant Nofsani

Pagamenti 20 000 000,00

ARTIKOLU - 21 02 20 Erasmus + -- Kontribuzzjoni mill-istrument tal-kooperazzjoni għall-żvilupp (DCI).

Pagamenti 2 000 000,00

**KAPITOLU** - 2104 Strument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem

ARTIKOLU - 21 04 01 Tisħiħi tar-rispett u l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-appoġġ għal riformi demokratiċi Pagamenti 9 000 000,00

**KAPITOLU** - 2202 Proċess u strateġija tat-tkabbir

PARTITA - 22 02 03 02 Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni Pagamenti 100 000 000,00

**KAPITOLU** - 2204 Strument Ewropew ta' Viċinat (ENI)

PARTITA - 22 04 01 01 Pajjiżi Meditarranji -- Drittijiet tal-bniedem, governanza tajba u mobilità Pagamenti 37 000 000,00

PARTITA - 22 04 01 02 Pajjiżi Meditarranji -- Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli Pagamenti 79 000 000,00

PARTITA - 22 04 02 01 Sħubija tal-Lvant -- Drittijiet tal-bniedem, governanza tajba u mobilità Pagamenti 38 000 000,00

PARTITA - 22 04 02 02 Sħubija tal-Lvant -- Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli. Pagamenti 72 007 757,31

PARTITA - 22 04 03 01 Kooperazzjoni transfruntiera (CBC) -- Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4 Pagamenti 24 000 000,00

PARTITA - 22 04 03 04 Kooperazzjoni oħra bejn diversi pajjiżi fil-viċinat -- Miżuri ta' sostenn Pagamenti 5 000 000,00

